MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 97/2012

**Rikors Numru 97/2012**

**Mauro Caruana**

**vs**

**Awtorita ghat-Trasport f' Malta**

Illum 29 ta' Mejju 2014

It-Tribunal

Ra r-rikors prezentat minn Mauro Caruana fit-2 ta’ Mejju 2012 permezz ta’ liema, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni mehuda mill-Awtorità ghat-Trasport f’Malta li biha l-applikazzjoni tieghu ghat-tigdid tal-permess ta’ xufier skond ir-Regolamenti dwar is-Servizz ta’ Garr ta’ Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, giet rifjutata u minflok tigi milqugha t-talba tieghu ghat-tigdid ta’ tali permess, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta.

Ra r-risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema, u ghar-ragunijiet hemm premessi, opponiet it-talba tar-rikorrent u tablet li din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Sema’ il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti processwali inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrizultaw ampjament u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi almenu sa mis-sena 2004 ir-rikorrent kellu permess ta’ xufier (“tag”) mahrug mill-Awtorita intimata. Din it-tag, li kienet ghal “garage hire”, kellha validita ta’ hames snin pero kull minn kellu tag simili (ir-rikorrent inkluz) thalla jopera b’din it-tag anke wara id-dekors ta’ hames snin. Fil-fatt fis-sena 2009 gie promulgat l-Avviz Legali 149 li permezz tieghu giet regolata mill-gdid is-sistema tal-permessi tax-xufier. Mid-depozizzjoni tar-rapprezentant ta’l-Awtorita intimata (Brian Farrugia) jirrizulta li wara li dahlu fis-sehh dawn ir-regolamenti godda l-persuni kollha li kellhom

licenzja skaduta taht ir-regim l-antik intalbu biex japplikaw ghal tag gdida skond ir-regolamenti l-godda; ir-rikorrent hekk ghamel.

Illi meta r-rikorrent applika nhargitlu tag temporanja biex sakemm tigi processata l-applikazzjoni tieghu huwa jkun jista' jkompli jopera; din it-tag inharget fit-3 ta' Gunju 2012 u kienet valida ghal perjodu ta' tlett xhur. Meta kienet qed tigi processata din l-applikazzjoni rrizulta li permezz ta' sentenza mghotija fid-19 ta' Mejju 2011ir-rikorrent kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal reat kommessi in kontravvenzjoni ta'l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u gie kkundannat multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) oltre sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt-xhur.

Illi in vista ta' din is-sentenza l-Awtorita intimata cahdet l-applikazzjoni tar-rikorrent u konsegwentement ma hargitlux il-permess mitlub; kif rikjest mill-Ligi r-rikorrent gie infurmat b'din id-decizjoni, hu talab revizjoni taghha, u b'decizjoni ulterjuri l-Awtorita kkonfermat d-decizjoni taghha precedenti li ma tohrog permess f'isem ir-rikorrent; dan prevalixxa ruhu mid-dritt lilu mghoti u interpona dan l-appell minn dik id-decizjoni ta'l-Awtorita intimata.

Illi kif diga ntqal dawn il-fatti mhux kontestati. Il-punt in kontestazzjoni huwa li fil-fehma tar-rikorrent hu applika ghal tigdid ta' permess u ghal dan il-ghan mhiex mehtiega kondotta nadifa u ghalhekk l-Awtorita kienet zbaljata meta cahdet it-talba tieghu ghat-tigdid tal-permess; min-naha l-ohra l-Awtorita ssostni li l-kondotta nadifa hija mehtiega sia ghal permess gdid sia ghal tigdid ta' permess.

Ikkunsidra

Illi d-dispozizzjonijiet li jikkoncernaw l-ghoti jew it-tigdid ta' permess ta' xufier, li kienu in vigore fid-data li applika r-rikorrent u li dwar l-interpretazzjoni taghhom m'hemmx qbil bejn il-partijiet, kienu jipprovdu hekk:

***17.*** *Ħadd ma jista' jaġixxi bħala xufier sakemm ma jkollux permess validu ta' xufier maħruġ skond dawn ir-Regolamenti;*

*.......... ..........*

***18.*** *Min japplika għal permess ta' xufier għandu, qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni, jissodisfa lill-Awtorità li hu –*

*(a) liċenzjat kif imiss skond ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan) (L.S. 65.18); u*

*(b) għandu ċertifikat ta' kompetenza professjonali skond ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan) (L.S. 65.18) sakemm ma jkunx eżentat minn dak ir-rekwiżit skond l-istess Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan); u*

*(ċ) għandu reputazzjoni u kondotta tajba.*

***19.*** *Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk:*

*(a) ........*

*(b) ........*

*(ċ) tkun ingħatat sentenza, fl-aħħar ħames snin,ta' priġunerija, għal kemm żmien ikun, jew għal multa jew multi li jammontaw mill-anqas għal elf Euro (€1,000), għal xi reat skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew kull Regolament magħmul taħtha jew l-Att jew kull Regolament magħmul taħtu, jew*

*(d) .........*

***20.*** *L-applikazzjoni għall-għoti jew it-tiġdid ta' permess ta' xufier għandha ssir lill-Awtorità fil-forma stipulata mill-istess Awtorità u għandu jkun fiha d-dettalji li titlob l-Awtorità u tiġi sottomessa flimkien ma':*

*(a) ċertifikat maħruġ mill-Pulizija li juri r-reati kriminali u/jew kontravenzjonjiet imsemmija fir-Regolament 19 ta' dawn ir-Regolamenti li għalihom l-applikant seta' ngħata sentenza kif ukoll il-piena marbuta magħhom; u*

*(b) il-ħlas rilevanti ta' l-applikazzjoni stipulat mill-Awtorità skond il-Parti 2 ta' l-Għaxar Skeda ta' dawn ir-Regolamenti.*[1]

Illi r-rikorrent qed jikkontendi li huwa applika ghal tigdid ta' permess u li (skond hu) huwa regolat biss bir-Regolament 20 fuq kwotat u li konsegwentement mhux necessarju li huwa jissodisfa r-rekwiziet ta' "reputazzjoni u kondotta tajba" stipulat fir-Regolament 18 ghaliex (dejjem skond ir-rikorent) dak ir-rekwiziet huwa impost biss fuq min qed japplika ghall-ewwel darba ghal permess. In sostenn ta' dan l-argument ir-rikorrent jaghmel referenza ghad-differenza li hemm fit-test tar-regolamenti in ezami partikolarment ir-Regolament 18 li jibda "*minn japplika*" u r-Regolament 20 li jibda "*l-applikazzjoni ghall-ghoti jew it-tigdid*".

Illi pero fil-fehma tat-Tribunal l-interpretazzjoni mghotija mir-rikorrent hija zbaljata u dan ghal diversi ragunijiet. Ir-Regolament 20 irid jigi nterpretat fil-kuntest ta'l-Avviz Legali ikollu li jifforma parti minnu. Ir-rekwizieti biex persuna tinghata permess (sia ghall-ewwel darba sia wara li permess gia mghoti jkun skada f'liema kaz wiehed jista' jitkellem fuq tigdid) ma johorgux mir-Regolament 20 imma mir-Regolament 18; ir-Regolament 20

[1] Ir-Regolamneti 17, 18 19 u 20 ta'l-Avviz Legali 149 tas-sena 2009 kif emendat b'l-Avviz Legali 319 tas-sena 2009. Dawn il-proveddimenti gew emendati b'l-Avviz Legali 458/2012 b'mod li llum l-kriterji li fuqhom jigi determinat jekk persuna hiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba huma differenti.

jiddisponi biss kif ghandha ssir l-applikazzjoni (ghall-ewwel darba jew ghal tigdid) u x'dokumentazzjoni ghandha tigi annessa ma'l-applikazzjoni. Ta' min jirrileva li mill-Hames Skeda ta'l-Avviz Legali 149 jidher li hemm aplikazzjoni wahda li ghandha tigi kompilata sia jekk persuna qed tapplika ghall-ewwel darba u sia jekk qed tapplika ghal tigdid.

Illi in oltre ma jaghmel l-ebda sens li (ai termini tar-Regolament 20 li skond ir-rikorrent huwa r-regolament li wahdu ghandu japplika fil-kaz ta' tigdid) minn japplika ghal tigdid ghandu jibghat ma'l-applikazzjoni tieghu ic-certifikat tal-pulizija li juri reati kriminali u/jew kontravvenzjonijiet imsemmija fir-Regolament 19 jekk minn japplika ghal tigdid mhux obbligat jissodisfa r-rekwiziet ta' reputazzjoni u kondotta tajba, skond il-kriterji elenkati fir-Regolament 19, rikjest ai termini tar-Regolament 18.

Illi lanqas ma wiehed jista jinsa li skond l-interpretazzjoni tar-rikorrent tad-dispozizzjonijiet in ezami ghandha ssir diskriminazzjoni kontra minn japplika ghall-ewwel darba billi jimponi fuq dawn il-persuni rekwizieti aktar oneruzi minn dawk imposti fuq il-persuni li diga kien inghatalhom permess. Donnu, qed jghid ir-rikorrent, huwa importanti li persuna li tkun qed tapplika ghall-ewwel darba ghal permess ma tkunx ikkommettiet reati kontra l-Kapitolu 65 pero ma jimpurtax li persuna li diga ghandha permess ta' xufier ghall-garr ta' passiggieri tikser id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 65 kif gib u lahaq; argument dan li ma jsegwi l-ebda logika.

Illi r-rikorrent jissottometti ukoll li hemm kunflitt fid-definizzjoni ta' "kondotta tajba" bejn ir-regolamenti fuq kwotati ta' l-Avviz Legali 149 tas-sena 2009 (promulgat taht il-Kapitolu 499) u r-Regolament 130A tal-l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 (promulgat taht il-Kapitolu 65) in kwantu f'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 ir-rekwizieti huma anqas oneruzi. Pero kif gustament tissottommetti l-Awtorita intimata r-regolamenti imsemmija mir-rikorrent jirreferu ghal permessi differenti u ghalhekk il-legistalur seta' liberalment jimponi rekwizieti differenti ghal permessi ta' tip differenti.

Illi r-rikorrent jilmenta ukoll li d-decizjoni ta'l-Awtorita imtimata fil-konfront tieghu ma kenitx wahda ragonevoli in vista tal-fatt li s-sentenza li a bazi taghha l-Awtorita cahdet it-talba tieghu ghat-tigdid tal-permess kienet l-unika kundanna fil-konfront tieghu u l-agir tar-rikorrent li wassal ghal dik il-kundanna sehh f'kuntest ta' sitwazzjoni personali partikolari.

Illi kif gustament irrileva dan it-Tribunal kif diversament presjedut [2]

*L-iskop ta' proceduri ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi huwa li jigi kkundsidrat u determinat jekk l-att amministrattiv kontestat huwiex legali, fis-sens li l-awtorità pubblika koncernata tkun agixxiet entro l-parametri tal-Ligi u l-ezercizzju tal-poteri u konsegwenti qadi tad-doveri taghha fil-konfront tac-cittadin privat jkun sehh in konformità mal-principji tar-rule of law u tal-gustizzja naturali:*

*The system of judicial review is radically different from the system of appeals. When hearing an appeal the court is concerned with the merits of a decision: is it correct? When subjecting some administrative act or order to judicial review, the court is concerned with its legality: is it within the limits of the powers granted? On appeal the question is "right or wrong?" On review the question is "lawful or unlawful?"… Judicial review is thus a fundamental mechanism for keeping public authorities within due bounds and for upholding the rule of law. Instead of substituting its own decision for that of some other body, as happens when on appeal, the court on review is concerned only with the question whether the act or order under attack should be allowed to stand or not. … Judicial control, therefore,*

[2] F'l-appell Charles Mercieca vs Awtorita gfhat-Trasport f'Malta deciz 29.05.2012.

*primarily means review, and is based on a fundamental principle, inherent throughout the legal system, that powers can be validly exercised only within their true limits. The doctrines by which those limits are ascertained and enforced form the very marrow of administrative law. But there are many situations in which the courts interpret Acts of Parliament as authorising only action which is reasonable or which has some particular purpose, so that its merits determine its legality. Sometimes the Act itself will expressly limit the power in this way, but even if it does not it is common for the court to infer that some limitation is intended. The judges have been deeply drawn into this area, so that their own opinion of the reasonableness or motive of some government action may be the factor which determines whether or not it is to be condemned on judicial review. … It is a cardinal axiom that every power has legal limits. If the court finds that the power has been exercised oppressively, or if there has been some procedural failing, such as not allowing a person affected to put forward his case, the act may be condemned as unlawful (Administrative Law – H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition Chap.2 pg. 29 &30).*

*Minn dan isegwi ghalhekk illi dak li qieghed taht skrutinju fi proceduri ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi huwa l-operat ta' l-awtorità pubblika u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jillimita ruhu li jikkonsidra biss il-pregudizzju li c-cittadin privat jikkontendi li sofra, qed isofri jew jista' jsofri minhabba l-att amministrattiv kontestat, izda necessarjament ghandu jara jekk, minkejja c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dak l-att amministrattiv huwiex legali jew le u dana fis-sens iktar 'l fuq spiegat, u jekk jirrizulta li huwa legali u konformi mal-principji tar-rule of law u tal-gustizzja naturali dak l-att amministrattiv ma ghandux jigi revokat jew varjat.*

Illi kif diga ntqal hija l-fehma tat-Tribunal li t-talba tar-rikorrent ghat-tigdid tal-permess kellha tissodisfa r-rekwizeti tar-Regolamenti 18 u 19 tal-Avviz Legali 149 tas-sena 2009. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt (mhux kontestat) li r-rikorrent kien instab hati ta' reat taht il-Kapitolu 65 u kkundannat multa ta' €1,200, u tenut kont tal-principji fuq esposti dwar il-funzjoni tieghu dan it-Tribunal huwa konvint li l-Awtorita intimata setghet legalment u ragonevolment tasal ghad-decizjoni li hadet fir-rigward tat-talba tar-rikorrent ghat-tigdid tal-permess u ghalhekk din id-decizjoni m'ghandhiex tigi mibdula minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrent b'l-ispejjez kontra tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------